C/2026/3535

2.7.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12374 — EVH GE / HSBC / EGE DÖLLNITZ)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/3535)

1. Fl-24 ta' Ġunju 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— EVH Grüne Energie-Beteiligung GmbH & Co. KG ("EVH GE") (il-Ġermanja), ikkontrollata minn Stadtwerke Halle/Stadt Halle (Saale),

— HSBC Alternative Investments S.C.A. SICAV-RAIF ("HSBC SICAV-RAIF") (il-Lussemburgu), proprjetà tal-grupp HSBC (ir-Renju Unit),

— EGE-Energiespeicher Döllnitz GmbH ("EGE Döllnitz") (il-Ġermanja), bħalissa tinsab f'idejn EVH GE.

EVH u HSBC SICAV-RAIF se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' EGE Döllnitz.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— EVH GE hija attiva fil-ġenerazzjoni u l-provvista tal-elettriku, tal-gass u tas-sħana, kif ukoll fl-iżvilupp u l-operat tal-faċilitajiet rilevanti,

— HSBC SICAV-RAIF hija kumpanija ta' investiment proprjetà tal-grupp HSBC. L-HSBC group huwa attiv f'diversi segmenti tal-industrija bankarja.

3. EGE Döllnitz għandha topera faċilità tal-ħżin tal-batteriji f'Döllnitz (is-Sassonja-Anhalt, il-Ġermanja).

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]), jenħtieġ jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fin-Notifika.

5. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12374 — EVH GE / HSBC / EGE DÖLLNITZ

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË